MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# DISTRETT - RABAT (GHAWDEX)

## MAGISTRAT DR.
## GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Numru. 116/2000
Kawza Numru. 15

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**- vs -**
**Benjamin Sciberras ta' 46 sena bin Pawlu u Rita nee Muscat imwieled Sannat, Ghawdex fil-5 ta' Jannar 1954 u li joqghod 'Margerita', Triq l-Ikxbiex, Sannat, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 2054 (G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat akkuzat talli fl-10 ta' Mejju 2000 ghall-habta tat-8:30 a.m. f'Sannat, Ghawdex, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 906 Raymond Rapa meta saq min fuq siequ l-leminija bil-karozza tieghu ta' l-ghamla Mini Minor bin-Numru tar-Registrazzjoni HAL 042, skond kif

iccertifika t-Tabib John Xuereb Curmi M.D. ai termini ta' l-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (2) u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ngurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 906 Raymond Rapa, ufficcjal inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-serviz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfuwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, ai termini ta' l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (3) aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 906 R. Rapa skond kif iccertifika t-Tabib John Xuereb Curmi M.D. ai termini ta' l-artikoli 214 u 221 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (4) u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi saq vettura ta' l-ghamla Mini Minor bin-Numru tar-Registrazzjoni HAL 042 bi traskuragni kbira u b'mod perikoluz, ai termini ta' l-artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, (5) f'kaz ta' htija l-Qorti hija gentilment mitluba illi tiskwalifika lill-imputat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.

Semghet il-provi u rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi din il-kawza nstemghet flimkien mal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija –vs- Raymond Rapa" li huwa kwerelant f'din il-kawza;

Iz-zewg xhieda principali huma z-zewg imputati li taw verzjoni kompletament differenti dwar l-incident. Benny Sciberras jghid illi huwa kien ghaddej bil-vettura tieghu meta naqqas l-ispeed minhabba z-zebra crossing li hemm, ma rax tfal jaqsmu u Rapa ghamel xi tliet passi fid-direzzjoni ta' l-istess zebra crossing u ghamillu sinjal biex jieqaf u allega li prova jtajjru u beda jxejjer bil-ponn meta kien ghadu fil-karozza tieghu.

Da parti tieghu Rapa jghid li hu kien qed jikkontrolla t-traffiku fit-triq fejn kien hemm vettura, xarabank qed tnizzel tfal ta' l-iskola, liema vettura kienet f'nofs it-triq u ghalhekk hu wkoll kien f'nofs it-triq. Rapa kien fuq xoghlu

bhala membru tal-korp tal-pulizija. Huwa qal li hin minnhom ra vettura gejja fid-direzzjoni taz-zebra crossing, ghamel sinjal lit-tfal biex jigru jaqsmu u tal-vettura rifislu saqajh bir-rota.

Il-Qorti;

Wara li ezaminat il-provi kollha migjuba hija tal-fehma illi l-verzjoni ta' l-imputat Benny Sciberras ma hi xejn konvincenti. Di piu`, l-imputat ipprova jikkonvinci lil din il-Qorti dwar il-veracita` tal-verzjoni tieghu meta l-fatti juru mod iehor. Hekk per ezempju meta jghid illi Rapa beda jtih bis-sieq fuq il-vettura tieghu, senjatament fuq il-bieba tax-xufier, huwa stess esebixxa ritratti li juru li l-bieba kellha daqqiet minn gewwa u l-bieba hija mibruma 'l barra. Mistoqsi ghaliex hemm din il-hsara, l-imputat Sciberras jghid li kienu d-daqqiet li ta hu biex jiftah il-bieba wara li mpedieh Rapa u din il-Qorti ma tara ebda raguni plawsibbli ghaliex kellu jaghmel hekk meta seta' hareg mill-bieba l-ohra flok jaghmel hsara fil-vettura tieghu stess;

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-konvincement illi l-imputat Sciberras huwa hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li saret id-debita prova;

Wara li rat l-artikoli 328 (d), 214, 221, 95 tal-Kap 9 u 15 tal-Kap 65;

Tikkundanna lill-imputat ghal-hlas ta' multa komplessiva ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti

Magistrat

(ft) Eva Buttigieg

D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur